MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2008

Numru 317/2005

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**

**KONTRA**

**VINCENZO ARLOTTA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Vincenzo Arlotta ta’ 60 sena, imwieled Sqallija, nhar it- 2 ta’ April 1944 residenti fil- fond Reggio Calabria, Sqallija, l-Italja, u detentur tas- Seaman’s Book no: 15463 RC(Reggio Calabria);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar it-3 ta' Marzu 2003 ghal habta ta' 10.40am gewwa Delimara Marsaxlokk:

1) bhala bdot waqt li kien qed jippilota bastiment, bi ksur volontarju ta' dmir jew b'negligenza ta' dmir ghamel xi att li qieghed f'periklu l- hajja ta' Alfred Bone;

2) Cahad jew naqas milli jaghmel xi att legittimu xieraq u mehtieg li jsir minnu biex ihares dak il- bastiment minn telf, distruzzjoni jew hsara serja, jew biex ihares mill-periklu ahjja ta' xi persuna jew lil dik il- persuna u cioe lil Alfred Bone u dan ai terminu tal- Artikolu 72 (1) (a) u (b) u Sub- Artikolu (2) tal- Kapitolu 352 tal- Ligijiet ta' Malta.

3) Talli fl- istess cirkostanzi naqas li jhares xi direttivi moghtija mill- Awtorita' fl- ezercizzju tas- setghat taghha taht dan l- Att, jew li naqas li jhares xi dispozizzjoni ta' dan l- Att jew ta' xi regolamenti maghmula tahtu, u dan ai terminu tal- Artikolu 78 u 80 tal- Kapitolu 352 tal- Ligijiet ta' Malta;

4) Ukoll talli fl- istess cirkostanzi, lok u hin waqt li kien qed jippilota l- vapur MT Allegro, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tharis tar- regolamenti ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il- persuna ta' Alfred Bone u dan ai terminu tal- Artikoli 218 (1) (a), 225 u 226 (1) (a) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-piena ghal dan ir-reat hija wahda ta' massimu sena prigunerija, jew multa;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur tinforma l-Qorti li kienet ikkomunikat mal-Ufficcju tal-Avukat Generali, u li kien

hemm qbil li l-azzjoni setghet kienet preskritta minhabba fl-iskadenza tat-terminu prefiss mil-ligi;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat baqa' ma giex notifikat bl-imputazzjonijiet f'din il-kawza, u r-reat jirrisali ghal Marzu 2003. Konsegwentement kull perijodu preskrittiv skond il-ligi ma gie qatt interrott. In vista li l-piena massima f' dan il-kaz hu ta' sena prigunerija, kemm skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 352 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll skond l-Artikolu 226(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, allura japplika l-perijodu preskrittiv ta' hames snin, ai termini tal-Artikolu 688(d) tal-Kap 9. Ghalhekk, jirrizulta b' mod car u univoku li minn Marzu 2003 sa llum, il-perijodu ta' preskrizzjoni ma gie qatt interrott, u ghalhekk l-azzjoni llum hija preskritta skond il-ligi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 72 (1) (a) u (b) u (2), 78 u 80 tal-Kapitolu 352 tal- Ligijiet ta' Malta;
U l-Artikoli 218 (1) (a), 225 u 226 (1) (a) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Skond l- Artikolu 688 (d) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta din il- Qorti tiddikjara l-azzjoni preskritta minhabba fit-trapass tat-terminu prefiss mil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------